# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 1**

**Appell numru 266/2021/1**

***Inspectra Limited* (C-35757)**

***v.***

***Central Procurement and Supplies Unit* fil-Ministeru tas-Saħħa; *Mint Health Limited*, u *Consolidated Packaging Limited* għal kull interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell ta' *Inspectra Limited* ["*Inspectra*" jew "l-appellanti"] minn deċiżjoni tat-3 ta' Awissu 2021 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbiku ["L.S. 601.03" jew "ir-Regolamenti"], li ċaħad oġġezzjoni magħmula mill-appellanti kontra deċiżjoni tas-*Central Procurement and Supplies Unit* ["*CPSU*" jew "l-awtorità kontraenti"] illi tagħżel li tkompli negozjati dwar offerta għal "*over-labelling services of medicinal products*"

kemm mal-appellanti stess kif ukoll ma' *Mint Health Limited* ["*Mint*"] flok mal-appellanti weħedha.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: kienet saret sejħa mill-awtorità kontraenti għal "*request for participation (negotiated) for over-labelling services of medicinal products*". L-appellanti u oħrajn għamlu offerti u b'ittra tas-7 ta' Mejju 2021 l-awtorità kontraenti għarrfet lill-appellanti illi:

> »… … … Kindly note that the recommendation to proceed with further negotiations of the above captioned procurement has been accepted in your favour.
>
> »… … …
>
> »Your offers for requirements 1, 1.1a, 2, 2.1a, 3 and 3.1a[1] were not accepted since the recommended bidder proposed shorter lead times.«

3. L-appellanti b'ittra tal-14 ta' Mejju 2021 ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u bid-deċiżjoni tat-3 ta' Awissu 2021 li minnha sar dan l-appell il-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda hekk:

> »The board … … …
>
> »a) does not uphold appellant's letter of objection and contentions,
>
> »b) upholds the contracting authority's decision in the recommendation for the award of the tender,
>
> »c) directs that the deposit paid by appellant not be reimbursed.«

4. Ir-raġunijiet li wasslu lill-bord għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »This board, … … … having noted the objection filed by *Inspectra Ltd* (hereinafter referred to as the Appellant) on 17th May 2021, refers to the claims made by the same Appellant with regards to the tender … … … whereby, the Appellant contends that:
>
> »a) The RfP[2] states "Preference will be given to the bidder offering the complete portfolio of the 9 subtitles". Appellants are sure that they were the only bidders that offered a price for all 9 subtitles. Therefore, they should have had preference over other bidders.

---

1 Il-kontenut ta' dawn il-partiti huwa muri fl-iSkeda A mehmuża ma' din is-sentenza.

2 *Request for Participation.*

»b) The Appellant's offer, by inference, was cheaper. The RfP does say that due consideration will also be given to offers with tangible advantages in shorter timeframes, but the main criterion is price. Having the cheapest offer and reasonable lead times, it is expected that the CPSU would negotiate with the Appellant for better lead times before recommending a more expensive offer.

»This board also noted the Contracting Authority's reasoned letter of reply filed on 26th May 2021 and its verbal submission during the virtual hearing held on 27th July 2021, in that:

»a) CPSU submit that the reasons why their offer for sub types 1, 1.1a, 2, 2.1a, 3 and 3.1a were not accepted as due to the fact that the recommended bidder proposed shorter lead times.

»b) The sole award criterion clearly stated "the contract for each respective works order sheet will be awarded to the economic operator submitting the cheapest offer; provided that the offer reflects the minimum timelines which ensure least delay in making the medicinal product available to users within the Government Healthcare Service. In this regard, due consideration will also be given to those applicants who offer tangible advantages in terms of shorter timeframes and overall reduction of logistical delays.

»c) The RfP clearly outlined that the cheapest technically compliant offer will be chosen, provided that the offer reflects the minimum timelines.

»d) The offer as submitted by the preferred bidder did in fact provide the more advantageous lead times, and due to this their offer was chosen for the sub-types in question. It is irrelevant for the objector to state that their offer was the most advantageous offer due to the fact that they had the cheapest offer with reasonable lead times in seeking to justify their offer.

»e) In justifying their objection, the objectors specifically refer to the extract from the RfP which states "Preference will be given to the bidder offering the complete portfolio of the 9 sub-titles". CPSU submit that the sub-types will be divided between different economic operators depending on the offers as submitted. The clause above does not change the fact that the preferred bidder provided shorter and more advantageous lead times in order to carry out the services requested in the sub types 1, 1.1a, 2, 2.1a, 3 and 3.1a.

»This board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties including the testimony of the witnesses duly summoned, will consider Appellant's grievances, as follows.

»a) It is imperative to note that the sole award criterion of this tender dossier is making reference to both the 'cheapest offer' and also the 'minimum timelines' which will inherently have tangible advantages in terms of shorter timeframes and overall reduction of logistical delays. The award criterion is to be read and interpreted *in toto*.

»b) With regards to the Appellant’s contention that “Preference will be given to the bidder offering the complete porifolio of the 9 sub-titles” this board humbly points out that this is not a binding clause on the evaluation committee and / or the contracting authority.

»c) The evaluation committee’s assessment had to be based on both the cost element and the timelines offered by the prospective bidders. This was stated under oath by Dr Richard Despott, member of the evaluation committee, whereby it was also stated that the tender dossier is explicit in Section 1 - Instructions to Tenderers, paragraph 5.1 whereby this was a cost saving exercise but also due importance was to be given to minimum time lines offered.

»d) The preferred bidder did offer shorter lead time for sub sections 1, 1.1a, 2, 2.1a, 3 and 3.1.

» When considering all the above, this board decided not to uphold the Appellant's grievances.

5. *Inspectra* ressqet appell minn din id-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni b’rikors tal-11 ta’ Awissu 2021. Għal dan ir-rikors wieġbu, separatament għalkemm ilkoll fit-3 ta’ Settembru 2021, l-awtorità kontraenti, *Mint* u *Consolidated Packaging Limited* [“*CPL*”].

6. Qabel ma nqisu l-aggravji tal-appell ta’ *Inspectra* nibdew b’eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-awtorità kontraenti u minn *Mint*.

7. L-awtorità kontraenti tgħid illi l-appell ma sarx kif irid ir-reg. 285 tal-L.S. 601.03 għax ma kienx indirizzat kontra l-partijiet kollha interessati għax ma kienx indirizzat ukoll kontra *Pharmadox Healthcare Limited* [“*Pharmadox*”] li wkoll kienet għamlet offerta.

8. Ir-reg. 285 igħid hekk:

»**285.** Ir-rikors tal-appell għandu jkun indirizzat kontra l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-awtorità kontraenti, l-offerent rakkomandat, jekk ikun hemm, u kull parti oħra involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, li jistgħu jippreżentaw risposta bil-miktub fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika:«

9. Mill-minuti tal-Bord ta' Reviżjoni jidher illi l-partijiet involuti fil-proċeduri quddiem dak il-bord kienu l-awtorità kontraenti, *Mint* (dak iż-żmien *Medical Logistics Limited*) u *CPL*. Ir-rikors tal-appell huwa indirizzat kontra dawn kollha u għalhekk ma jidhirx li hemm in-nuqqas li qiegħda tara l-awtorità kontraenti.

10. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

11. L-eċċezzjoni preliminari ta' *Mint* tgħid illi r-rimedju li qiegħda titlob l-appellanti kellha titolbu qabel l-għeluq tas-sejħa, taħt ir-reg. 262 tal-L.S. 601.03. Billi, biex tkun tista' tqis din l-eċċezzjoni, lill-qorti jeħtiġilha qabel xejn tara x'inhu r-rimedju li qiegħda titlob l-appellanti, din l-eċċezz-joni nqisuha aktar 'il quddiem.

12. Naraw mela xi jgħid u xi jrid l-aggravju tal-appell, li ġie mfisser hekk:

> »L-aggravju tal-appellanti … jikkonsisti filli l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ħareġ b'interpretazzjoni mhux maħsuba u li tmur kontra kull regola tal-ermenewtika kif ser jiġi mfisser.
>
> »Hawn għandna sejħa għal offerti li ssemmi tliet kriterji li huma:
>
> »• il-prezz;
>
> »• il-ħin għat-twettiq (*timeline*);
>
> »• il-preferenza favur dak li joffri fuq il-partiti kollha.
>
> »Qabel xejn l-ewwel ilment tal-appellant jirrigwarda l-frasi: "*With regards to the Appellant's contention that 'Preference will be given to the bidder offering the complete portfolio of the 9 sub titles', this board humbly points out that this is not a binding clause on the evaluation committee and / or the contracting authority*".
>
> »L-appellanti tissottometti li din il-frasi tinjora jew agħar, tisfida, l-iktar regola ewlenija tal-ermenewtika, u senjatament illi bl-ebda mod xi kelma jew frażi f'dokument ta' siwi legali ma tista' qatt titqies bħala "*non binding*". Din hi interpretazzjoni *toto cœlo* insostenibbli u turi nuqqas ta' għarfien ta' punti ta' dritt da parti tal-bord. Kull ma hu miktub f'dokumenti li jġibu konsegwenzi legali (bħal ma hu dokument ta' sejħa għall-offerti pubbliċi) jorbot, u jrid jingħata l-piż tiegħu. Hu ironiku illi kemm l-appellata *CPSU* kif ukoll l-istess bord jenfasizzaw illi s-sejħa trid tittieħed *in toto*, u fl-istess nifs kemm l-appellata u kemm il-

bord jagħzlu li jneħħu parti essenzjali tad-dokument minn nofs, għax isibuha inkonvenjenti.

»Is-soluzzjoni korretta hi li jsir eżami preċiż tal-kriterji, b'dan illi, jekk mill-kliem tas-sejħa stess tirriżulta xi ordni ta' importanza, din tiġi stabbilita, imbagħad l-evalwazzjoni ssir skond din il-gradwatorja, jekk ikun hemm gradwatorja.

»Issa f'dan il-każ il-bord tad-diretturi [tal-evalwazzjoni?] iddeċieda illi minn tliet kriterji waħda ma kinitx kriterju (kif ġà mfisser, u vivament kontestat) u mit-tnejn l-oħrajn, il-ħin (*timelines*) kien il-kriterju ewlieni.

»Minn qari tas-sejħa, dan qatt ma jista' jkun korrett. Jerġa' jiġi ripetut il-bran tal-*criteria for evaluation* fejn il-prezz jissemma erba' darbiet:

> »"The contract for each respective works order subset will be awarded to the Economic Operator submitting the cheapest offer; provided that the offer reflects the minimum timelines which ensure least delay in making the medicinal product available to users within the Government Healthcare Service. In this regard, due consideration will also be given to those applicants who offer tangible advantages in terms of shorter timef rames and overall reduction of logistical delays.
>
> »"CPSU is requesting a cost-saving performance-based agreement model that takes into consideration package deals, including, but not limited to, discounts.
>
> »"CPSU is willing to accept companies that are ready to collaborate as partners with CPSU for the benefit of the patient and the organization at large by making use, but not limited to, joint ventures, consortiums and/or subcontracting.
>
> »"The bidder that is eligible to requirements from eligibility section and provides the best financial offer in line with the eligible conditions and clauses will be awarded the cycle. The publication of results will be shared only with the bidders that are eligible to the said eligibility section criteria."

»U x'ngħidu għall-bran dwar il-preferenza a favur minn jagħmel offerta fuq is-*subsets* kollha?

> »"Preference will be given to the bidder offering the complete port-folio of nine subtitles/works."

»F'dan l-isfond kif seta' qatt il-bord wasal għall-konklużjonl li t-*timelines* kienu il-kriterju ewlieni? Huwa wisq ovvju li l-unika inter-pretazzjoni kellha tkun li mid-diċitura tad-dokument il-gradwatorja kellha tkun din:

»• il-preferenza lil min joffri fuq kollox;

»• l-aqwa prezz.

» Il-loġika tal-gradwatorja u tas-sussegwenti għażla kellha tkun:

»A. li l-għażla ssir minn dawk l-offerenti li jkunu offrew fuq il-partiti kollha (bl-esklużjoni għalhekk ta' dawk li offrew *in parte*);

»B. fost dawk li offrew fuq il-partiti kollha, jirbaħ dak bl-irħas prezz;

»Ċ fil-każ li ebda offerent ma joffri fuq il-partiti kollha, jintgħażlu dawk li għandhom l-aqwa prezz fuq kull partita individwali.

»Hu sottomess illi s-suppost kriterju ta' *minimum timelines* lanqas biss ma hu kriterju. Dan minħabba s-sempliċi fatt illi ma hemm l-ebda tifsira

ta' "*minimum*". Hu interessanti illi r-rappreżentant tal-appellata *CPSU* jissottometti illi hemm riferenza speċifka dwar *timeline* fil-paġna 9 tas-sejħa. F'paġna 9 *timelines* jissemmew biss bħala *footnote*. Tibqa' għalhekk il-mistosija: x'inhu l-*minimum*? Fejn tinġibed il-linja bejn min jidħol taħt il-*minimum* u dak li jaqbeż il-*minimum*?

»Meta hemm kriterju li jinsab redatt b'mod vag, kemm hu ġust illi dan jingħata importanza iktar minn dawk il-kriterji li huma aċċertabbli? Il-prezz hu aċċertabbli. Li xi ħadd joffri fuq il-partiti kollha hu aċċertabbli. Il-għala dawn il-kriterji kellhom jissottomettu għall-uniku suppost kriterju li ma jfisser xejn? Illi l-għażla ssir fuq kriterju mhux miktub ċar tagħti lok għal abbuż.

»L-appellant jissottometti illi id-dicitura illi "*preference shall be given to the bidder offering the complete portfolio …*" ma tfisser xejn ħlief illi l-kriterju prinċipali huwa dak. Il-kelma "*preference*" ma trid l-ebda interpretazzjoni jew spjegazzjoni, Meta xi ħaġa tkun preferuta, ikun ifisser li tipprevali fuq dak kollu li jkun qed jikkompeti magħha.

»Subordinatament u bla pregudizzju għas-suespost (għallex l-appellanti ssostni li minħabba li hi kienet l-unika offerenti li offriet fuq il-partiti kollha, hi kellha awtomatikament tintgħażel) jekk isir l-argument illi l-kriterju ewlieni kellu jkun il-prezz, irid hawn jiżdied ukoll illi l-bord m'għamel l-ebda aċċenn dwar prezz. Dwar dan jiġi senjalat illi r-raġuni li ngħatat lill-appellanti mkien ma semmiet illi dan ġie preġudlkat minħabba l-prezz. Sewwa għalhekk l-appellanti qalet illi "*by inference*" il-prezz tagħha kien l-irħas. Dan għaliex, *a contrario sensu*, billi l-prezz kien kriterju ta' veru, għaliex aċċertabbli *ictu oculi*, u ma ssemmiex mis-*CPSU* fl-għotja tal-kuntratt, dan irid ifisser illi l-prezz offrut mill-appellanti ma kienx ta' xkiel. Ma saret l-ebda oġġezzioni fuq dan il-punt mill-appellati. L-ebda minnhom ma ttanta jgħid illi xi offerent kellu prezz irħas minn dak offrut mill-appellanti.

»Minn dan jitnissel illi l-appellanti issoddisfat iż-żewġ kriterji, u bir-raġun argumentat illi l-appellata *CPSU* kellha tilqa' l-offerta tagħha, jew, għall-inqas, tistedinha tinnegozja *timelines* iqsar (jekk dan kien possibbli).

»Għal dawn il-motivi l-appellanti titlob lil din l-onorabbli qorti sabiex filwaqt li tabel illi il-kriterji ewlenin f'din is-sejħa għall-offerti kienu l-preferenza favur min joffri fuq il-partiti kollha, u subordinatament minn min joffri l-aħjar prezz, u tiskarta l-kunċett ta' *minimum timelines* billi dan mhux kunċett definit u "*minimum*" ma jfissirx "*shortest*". *Minimum* ifisser kwantità aċċertata u definita. Jekk l-appellata riedet tgħid "*shortest*" *timelines*, din hekk kellha tgħid.

»Għalhekk titlob li, prevja li tħassar kemm id-deċiżjoni tal-Bord għar-Reviżjonl tal-Kuntratti Pubbliċi hawn appellata, kif ukoll tvarja d-deċiżjoni oriġinall tas-*CPSU*, billi tikkonferma din id-deċiżjoni in kwantu għażlet lill-appellanti sabiex tieħu l-kuntratt fuq il-partiti 1.1b, 2.1b u 3.1b, u tħassarha in kwantu din tat il-bqija tal-partiti lill-appellata *Mint Health Limited* (allura *Medical Logistics Limited*), u b'hekk tlddeċiedi illi l-kuntratt intier fuq il-partiti kollha msemmija fls-sejħa għall-offerti fuq imsemmija jiġu kuntrattati mas-soċjetà appellanti.«

13. Magħruf issa x'inhu l-aggravju, nistgħu nqisu l-eċċezzjoni li tgħid illi b'dan l-aggravju qiegħed jintalab dak li messu ntalab taħt ir-reg. 262 qabel l-għeluq tas-sejħa. L-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »Qabel xejn, is-soċjetà esponenti ma tistax ma tikkummentax li għal-kemm il-qofol tal-ilmenti ta' *Inspectra* huwa l-mod ta' kif hija miktuba klawsola 5 tas-sejħa (rigward il-kriterji), l-istess *Inspectra* qatt ma ressqet xi lment dwar il-dokument tas-sejħa qabel ma ngħalaq iż-żmien għall-ippreżentar tal-offerti.
>
> »Wieħed jifhem li jekk *Inspectra* kellha xi kwistjoni jew dubbju dwar il-kejl tal-evalwazzjoni bejn l-offerenti, hija kellha kull dritt illi titlob għall-kjarifika lill-awtorità kontraenti sat-terminu stipulat, jew, addirittura, illi titlob lill-bord għal rimedju ta' qabel l-għeluq tas-sejħa *ai termini* tar-regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. *Inspectra* ma għamlet xejn minn dan.
>
> »… … …
>
> »Minflok irrikorriet għal dan ir-rimedju fil-mument opportun, *Inspectra* qiegħda issa, fi stadju tant avvanzat tal-proċeduri, tattakka r-regoli li bihom ġew meqjusa l-offerti kollha għas-sempliċi raguni illi hija ma kinitx l-offerent rebbieħ (fuq il-*lots* kollha). Jekk kellha xi dubju dwar kif ser jiġu ġġudikati l-offerenti, jekk dik li hija ssejjaħ il-gradwatorja fost il-kriterji ma kinitx daqstant ċerta f'moħħha, il-għala ma kkjarifikatx dan qabel? Il-għala xorta ipparteċipat f'din is-sejħa?
>
> »Is-soċjetà appellanti umilment tissottometti illi l-proċedura tal-appell ma tistax tintuża għal dan il-għan, meta *Inspectra* kellha rimedji oħra għad-disposizzjoni tagħha. Għalhekk l-appell għandu jigi skartat abbażi ta' din l-eċċezzjoni.«

14. Kif jidher mill-aggravju, l-ilment tal-appellanti ma huwiex tant illi l-kriterji tal-għażla ma humiex ċari iżda pjuttost illi l-interpretazzjoni mogħtija lil dawn il-kriterji kemm mill-kumitat tal-għażla u kemm mill-Bord ta' Reviżjoni hija ħażina. Tassew illi tgħid illi l-kriterju tat-*timelines* hu "redatt b'mod vag", iżda li qiegħda titlob ma huwiex li dan il-kriterju jiġi mfisser aħjar iżda li ma jingħatax importanza, jew ukoll ma jitqies xejn, fost il-kriterji tal-għażla.

15. L-appell għalhekk sar sew f'dan l-istadju u l-eċċezzjoni hija miċħuda.

16. Ngħaddu mela għall-meritu tal-appell.

17. L-appellanti qiegħda tgħid sew illi l-Bord ta' Reviżjoni żbalja meta qal illi ma hijiex vinkolanti l-kondizzjoni fis-sejħa għal offerti li tgħid illi tingħata preferenza favur dak li joffri fuq il-partiti kollha. Sewwa tgħid l-appellanti illi dak kollu li jingħad f'dokument legali għandu jkollu tifsira u effett.

18. Tgħid sew ukoll l-appellanti meta tgħid illi fid-dokument tas-sejħa hemm tliet kriterji li huma dawk elenkati fir-rikors tal-appell. Tgħid ħażin iżda meta tgħid illi l-kriterju ewlieni huwa dak li tingħata preferenza lil min jagħmel offerta fuq il-partiti kollha (li inzerta l-kriterju li jiffavorixxi lilha għax hi biss għamlet offerta għas-servizzi kollha). Is-sejħa għal offerti kif formulata turi illi l-kriterji ewlenin huma dawk tal-prezz u taż-żmien għall-konsenja, iżda l-kriterju tal-offerta sħiħa huwa relevanti wkoll b'mod illi ebda wieħed minn dawn il-kriterji ma huwa waħdu determinanti. Dan ifisser illi min joffri l-orħos prezz mhux bilfors jintgħażel jekk oblatur ieħor joffri żmien ta' konsenja aħjar b'mod illi d-dfferenza fiż-żmien tal-konsenja tpatti għad-differenza fil-prezz. Bl-istess mod, min joffri l-aħjar prezz u l-aħjar żmien ta' konsenja mhux neċessarjament jintgħażel jekk ikun hemm min jagħmel offerta sħiħa, sakemm id-differenza fil-prezz u fiż-żmien tal-konsenja ma tkunx tali li tegħleb il-vantaġġ għall-awtorità kontraenti li jkollha kuntrattur wieħed ma' min tittratta.

19. U lanqas ma qiegħda tgħid sew l-appellanti meta tgħid illi l-kriterju taż-żmien huwa wieħed vag u għalhekk kellu jitwarrab. Għalkemm il-frażi "*minimum timelines*" forsi ma hijiex l-aktar feliċi u "*shortest timelines*" kienet tkun aħjar, it-tifsira fil-fehma tal-qorti hija ċara. L-awtorità kontraenti tixtieq li s-servizz jingħata fl-aqsar żmien possibbli u għalhekk l-oblatur

kellu jindika "*the maximum timeframe required to supply each individual service*" u tingħata preferenza lil "*minimum timelines which ensure least delay*". Dan ifisser illi oblatur illi jimpenja ruħu li l-konsenja jagħmilha fi żmien aqsar u fil-fehma tal-kumitat tal-għażla dan jagħti "*tangible advantages*" meta mqabbel mal-prezz, dan il-fattur seta' jitqies fl-evalwazzjoni tal-offerti b'mod illi jista' jwassal li jintgħażel dak l-oblatur. U jekk l-offerti huma hekk qrib xulxin li ma hemmx differenzi sostanzjali jista' jkun ukoll il-każ li l-vantaġġ li jkollok kuntrattur wieħed jegħleb id-differenzi fil-kriterji l-oħra.

20. Il-kriterju tal-għażla għalhekk huwa wieħed li joħloq ekwilibrju bejn it-tliet kriterji msemmija fuq. Mhux sejra tintgħażel offerta ferm ogħla minn oħra għar-raġuni biss li l-offerta tagħha dwar żmien tal-konsejna hija biss jum wieħed aħjar minn dik ta' offerta orħos. Bl-istess mod, mhux sejra tintgħażel offerta ftit orħos meta d-differenza fiż-żmien tal-konsenja hija sostanzjali, partikolarment meta tqis illi ż-żmien huwa ta' importanza fil-kura medika.

21. Tassew illi jista' jingħad illi meta l-kriterji ma humiex matematikament preċiżi dan joħloq element soġġettiv fl-għażla u jħalli marġini ta' diskrezzjoni f'min irid jagħmel l-għażla. L-appellanti iżda ma hijiex tilmenta illi l-awtorità kontraenti nqdiet ħażin bid-diskrezzjoni fdata f'idejha meta qieset il-vantaġġi relativi tal-offerti meta mqabbla mal-kriterji; qiegħda tgħid l-appellanti illi l-awtorità kontraenti u l-Bord ta' Reviżjoni interpretaw ħażin il-kondizzjonijet tas-sejħa għax, fil-fehma tal-appellanti, preferenza kellha f'kull każ u awtomatikament tingħata lilha għax hi biss għamlet offerta

sħiħa. Rajna iżda illi hija l-interpretazzjoni tal-appellanti li hija ħażina, u għalhekk l-aggravju msejjes fuq l-argument tal-interpretazzjoni li trid l-appellanti huwa wkoll ħażin. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell ta' *Inspectra*.

23. L-ispejjeż relativi għall-appell tħallashom l-istess *Inspectra.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Skeda A**

| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Over-stickering of Medicines with packaging in English language | Printing or labelling of details required for parallel importation / authorisation in line with article 126(a) of Directive 2001/83/E |
| 1.1a | Over-stickering of Medicines with packaging in English language, and FMD safety features | As per 1.0 above including anti-tampering device but excluding serialisation |
| 1.1b | Over-stickering of Medicines with packaging in English language, and FMD safety features | As per 1.0 above including anti-tampering device and also serialisation |
| 2.0 | Over labelling of Medicines outer packaging in foreign language including translation services | Translation of product literature, preparation of artwork and labelling |
| 2.1a | Over labelling of Medicines outer packaging and FMD safety features in foreign language including translation services | As per 2.0 above including anti-tampering device but excluding serialisation |
| 2.1b | Over labelling of Medicines outer packaging and FMD safety features in foreign language including translation services | As per 2.0 above including anti-tampering device and also serialisation |
| 3.0 | Over labelling of Medicines outer and immediate packaging in foreign language including translation services | Translation of product literature, preparation of artwork and labelling |
| 3.1a | Over labelling of Medicines outer and immediate packaging and FMD safety features in foreign language including translation services | As per 3.0 above including anti-tampering device but excluding serialisation |
| 3.1b | Over labelling of Medicines outer and immediate packaging and FMD safety features in foreign language including translation services | As per 3.0 above including anti-tampering device and also serialisation |

Deputat Reġistratur
gr